# RIŻORSA 3




Deskrizzjonijiet (mix-xellug għal-lemin, ir-ringiela ta' fuq u warajha r-ringiela t'isfel)

- 'Il-muniti tal-ewro u taż-żewġ ewro juru idolu f'forma ta' salib mill-perjodu Kalkolitiku (3000 Q.K.). Dan l-eżempju karatteristiku tal-arti preistorika ta' Ċipru jirrifletti l-post ta' din il-gżira fil-qalba taċ-ċiviltà u tal-antikità."
- "Din il-munita tura xena minn mużajk fi Sparta (it-tielet seklu wara Kristu), li turi lill-Europa tinħataf minn Zeus, li ħa s-sura ta' barri. Europa hija figura mill-mitoloġija Griega li l-Ewropa hija msemmija għaliha."
- "Din Il-munita turi xbiha tal-paċifista Bertha von Suttner, simbolu tal-isforzi tal-Awstrija matul bosta għexieren ta' snin biex tappoġġa l-paċi."
- "Id-disinn tan-naħa nazzjonali tal-muniti tal-Estonja juri xbieha ġeografika tal-Estonja u l-kelma "Eesti", li tfisser 'Estonja'."
- "Il-muniti ta' Spanja għandhom disinn li juri busttar-Re Juan Carlos I."
- Il-munita Ġermaniża turi "l-ajkla, is-simbolu tradizzjonali tas-sovranità Ġermaniża."

Dawn huma biss ftit eżempji tan-naħat nazzjonali tal-muniti taż-żewġ ewro. Fuq is-sit tal-Bank Ċentrali Ewropew tista' ssib stampi u spjegazzjonijiet tal-muniti tal-ewro mill-pajjiżi kollha.

*Sors: is-sit tal-Bank Ċentrali Ewropew*

Taħseb li d-disinji tal-muniti tal-ewro huma eżempju tajjeb tal-motto tal-UE, "Magħquda fid-diversità"? Għaliex, jew għaliex le?